# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**145.** **24 ta' G'UNJU 1911.** **IT-TIELET SENA**

FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# IL CALIFORNJA

Fit ġmiegħi ilu għidtilcom f'in-«Naħla» li jecc ir-rapport ta'l Gvern fuk l-Emigrazjoni għalak il bŭieb collha f'ŭiċċ il Maltin dac ta'l Istati Uniti u l-actar ta'l Californja ħallih miftuħ beraħ.

Daŭna iż-żeŭġ ittri li sejjer ingibilcom il-lum ijsaħħu dac collu li għedtilcom kabel għaliex minnhom taraŭ li il Maltin collha li marru hemm sabu ix-xogħol minnufih u li għad li il-lum ijlaħħku il 240 ŭieħed ma hemm ħadd minnhom kiegħed u collha kiegħdin jakilgħu pagħi tajjba b'mod li m'hux biss jistgħu jgħixu bla ma jbatu iżda jistgħu jgħinu seŭŭa lill familji tagħhom ucoll għaliex il ħajja f'il Californja ma hix għalja żejjed. Hi ħaġa ta' min jifraħ biha ħafna li f'dina il Californja inħolkot ŭieħidha bħal colonja zgħira maltija li chif għidna ġa tgħodd ma'l 240 ruħ, u li nitma b'il mod il mod tcompli ticber sa tissaħħaħ u hemm ijcunu jistgħu jmorru daŭc il Maltin collha li jixtieku jsibu ħobż aħjar barra minn pajjishom. Għal dana ħakku ta' min ijfaħħru ħafna il ħabriechi Tabib Mattei li kiegħed jitħabat ħafna biex isseħħ dina l-emigrazjoni ta'l Maltin f'il Californja għaliex hu li ivvjaġġa ħafna jaf li ma hemmx pajjis aħjar fejn jistgħu jmorru il Maltin biex ijsibu xogħol u kliegħ il flus actar minn hemm.

Għejtu Vella li chiteb ŭaħda minn daŭna l-ittri hu minn Bormla u ilu f'San Francisco xi għoxrin sena fejn għaraf ŭakkaf negozju cbir b'it-tiġieġ u il caċċa li jakla minnu il flus is-sbiħ. Dana jħobb ŭisk lil Maltin u jati dakka ta' id li cull min jasal hemm. L-ieħor, is-Sur Fenech, hu minn Ħal Lija u jgħidulu ta'l *Perċjus* u ilu hemm xi seba snin u kiegħed tajjeb ħafna ucoll. Dana jixtiek ħafna ucoll li jara il Colonja Maltija ta' hemm tocor u tisseddak u għaħecc jati cull għajnuna li cull min ijmur biex jakla x'jiecol hemm.

Min ijrid xi informazjoni aħjar jista jictiblu fl-indirizz li tajtcom u jiena sgur li is-Sur Fenech ijŭieġibcom malajr biex jaticom dac id-daŭl li tcunu tinħtieġu għaliex dana hu kiegħed jagħmlu biss għaliex jixtiek ħafna li jara lil ħutu il Maltin għaddejja il kuddiem.

Mela daŭc li jitħajjru jemigraŭ ma għandhomx għax ijfittxu pajjis ieħor ħlief il Californja.

*541, Sansome Street; San Francisco*
*California*

*Dear Dr. Mattei,* *May 5th 1911.*

*All the Maltese reached here from that big lot,—which left Malta on April 6th—altogether amount to 33, all secured work—some left yesterday and some are leaving to day and to-morrow for the country and some found work in the city—so that leaves our small colony practically all occupied and the number increased to 239 including the ones that reached here Sunday. Those two that you specially recommended to me one from San Gilian, and one from Casal Balzan, Vincenzo Attard and Valente Falzon are included—They reached New Orleans in the evening and some of them worked the same evening all night, and the ones that were coming here were indeed also to stay there to work, but they refused and kept coming here.*

*In haste yours truly,*

JOSEPH FENECH.

Barra m'il corpuscoli *ħomor* hemm ucoll f'id-demm oħrajn *bojod* iżda daūna huma kieghdin hemm biex jaghmlu xoghol ieħor li hu dana iġifieri li jaghmluha ta' suldati biex ijħarsu l'iċ-celluli m'il microbi li bl-eluf jidħlu f'il ġisem ħalli jekirduhom. Daūna malli jersak microbu f'id-demm ijduru mieghu u bħal jaħirkuh u jatu ġismu lill corpusculi ħomor ħalli jġorruh lejn il pulmuni biex jitcheċċa il barra bħala ħmieġ jecc ma jissaffiex ma'l aūrina jeū ma'l ħmieġ.

Mela id-demm fih żeuġ xorta ta' corpuscoli: *ħomor* u *bojod.* Il «ħomor» huma il cumissarjat li jġorr l-ichel u jnaddaf il ħmieġijiet; il «bojod» huma is-suldati li jħarsu l'iċ-celluli u lil corpuscoli ħomor m'il ghedeūūa li huma il microbi. Ghalhecc meta ūieħed ijcollu demmu tajjeb ijfisser li ghandu ħafna suldati biex jiccumbattu contra il mardijiet u li ghancu ħafna nies biex ijżokku u jnaddfu iċ-celluli ħalli daūn jiflħu jilkghu b'is-saħħa l-attacc ta'l ghedeūūa li huma il microbi. Iżda dac li jcattar is-saħħa ta'd-demm hu l-ossiġenu ta'l arja u ghalhecc meta tridu tkattghu siegha żmien passatemp ma'l familja f'loc li tieħduha iċ-cinematografu jeū f'lochijiet oħra maghluka fejn ijcun hemm ħafna nifsijiet ħuduha ghal l-arja u fejn hemm ħafna siġar ūisk aħjar. Għixu dejjem chemm tistghu fl-arja ta's-siġar, orkdu dejjem b'it-tieka miftuħa beraħ, ħallu dejjem it-tfal jakbżu f'il beraħ ghaliex tcunu kieghdin bla ma tafu tiffrancaū ħafna contijiet ta't-tobba u ta'l medicini.

* * *

Il corpuscoli ta'd-demm ijduru daūra sħiħa ma'l ġisem collu cull *tmienja u ghoxrin seconda* iġifieri xi mija u ħamsin darba f'is-siegha u minn dana naraū li huma bieżlin tasseū u li jaghmlu ghassa cbira biex il ġisem ma jinżoghodx b'il microbi. Barra minn dana ir-riek, id-dmugh, is-succu gastricu u ta'l imsaren u bosta m'il-liqūidi l oħra li jaghmel il ġisem collha joktlu il microbi meta jcunu dieħlin. Ghalhecc min jomghod l-ichel seūūa u jħalltu tajjeb ma'r-riek kabel jibilghu ftit li xejn ghandu periclu li il microbi jidħlu ħajja, u jecc jiscappaū minn hemm ghaxja jmutu fl-istoncu fl-idrocloricu li jcun fih. Hecc ijghallmuna il Prof. Ayers u Sadler. Omoghdu mela tajjeb dejjem l-ichel u ħalluh jinħadem seūūa fl-istoncu u mardjiet ftit ijcollcom.

* * *

Ix-xjenzjati Wright u Douglas ta' Londra, fl-1903, sabu li f'id-demm hemm l-*opsonina*, bħal za za li teħel ma'l microbi biex tkaūūi actar l-aptit lil corpuscoli bojod ħalli jieclu actar minnhom u b'hecc ma jħalluhomx ijmarrdu il ġisem. Mela actar ma id-demm ta' bniedem fih *opsonina* actar ma jistax il mard ghalih. Dina kieghdin jaghmluha u jinjettaūha f'id-demm bħal ma ġa beda jsir f'il Mc Gill University ta' Montreal u f'il Battle Creek Sanatorium.

* * *

F'id-demm hemm ucoll il «*lisina*» li tħoll il microbi bħal lessija u hemm ħaġ'oħra li tūaħħal bħal gomma u ghalhecc tghakkad il microbi gozz gozz biex ma jcunux jistghu jiġru u jaghmlu ħsara cbira. Minn dana collu naraū chemm hi gharfa u sabiħa u chemm tasseū tħobbna in-Natura biex tħarisna m'il mard.

* * *

—Li tieclu ħafna zoccor ma jaghmel l-ebda ġid f'is-saħħa meta ma jaghmelx ħsara. Dana iz-zoccor li haūn jiġri ma'r-riġlejn hu maħdum bi ħūejjeġ ta' chimica li jistghu jgharrku u m'hux ijcattru is-saħħa. Imbaghad dana iz-zoccor ħażin x'irriduh meta in-Natura f'ir-risk u it-tieba taghha tatna dac il veru zoccor li ninħtieġu f'il ghasel u f'il frottijiet? It-tamar, it-tin, il gheneb jeū żbib fihom ħafna glucosju li hu iz-zoccor li jsir collu sustanza f'il ġisem u il ghasel imħallat ma'l ħalib li fih tcunu ħallejtuh imghotti ghal xi saghtejn ma hemmx ħaġa itjeb u aħjar minnha gha's-saħħa. Idraū mela tużaū il ghasel f'loc iz-zoccor; meta ma tistghux tixtruh ghax ghali ghallu it-tamar u iż-żbib u ħalltu il ġulebb taghhom f'loc iż-żoccor mokżież li jbighu xi ħūienet u jecc dana ma joghġobcomx jeū ma tridux taghmluh ixtru dejjem zoccor m'il ifjen—Demerara l-aħjar—u użaū minnu m'il ankas li tistghu. Meta iżżommu idejcom f'iz-zoccor tcunu kieghdin issalvaū butcom u saħħitcom flimchien.

* * *

—«*Man will be happy when he confines himself to understand the laws of his Creator, and to find out the means of putting them into execution*» J. Gaspar Spurzheim, M.D.

—Ratal laħam dghif collu ta'ċ-ċanga imsoffi m'ix-xaħam, gheruk u ghadam ijkum m'il ankas ħmistax il sold, u minnu ma tieħux ħlief QŪART sustanza ghall ġisem barra m'il pericoli ta'l inġiesa ta ħafna mardijiet li tista tircheb. Bl-istess flus tista tixtri tliet rtal piselli niexfa li jatuc ma'r-RATLEJN sustanza bħal dic l-istess li jcun tac il laħam. Mela meta tiecol b'żeuġ soldi piselli tcun sostnejt ruħec l-istess daks li chiecu tcun chilt ratal laħam m'il l-aħjar ta'ċ-ċanga! Jecc f'loc il piselli tixtri il ghatz toħroġ b'irħas ghaliex fih sustanza actar u ghalhecc meta tiecol b'sold u nofs ghatz tcun saħħaħt ġismec daks li chiecu tcun chilt ratal laħam prim ta'ċ-ċanga. Libbra ġeūż imkaxxra tati tlittax l-ukija (minn sittax) sustanza; libbra tiġieġ imsoffija m'il ghadam li tkum m'il ankas żeuġ xelini ma tatix ħlief ħames t-eūūiek. Mela meta taghmel ftit misħun fuk in-nar u tghalli chemm jirtab fih ftit ghatz imkaxxar u iżżidlu chif tniżżlu bla ma issaffih xejn ftit ghasel malti u kabda leūż jeū ġeūż tcun kieghed tieħu sustanza ta' ħafna rtal ta' laħam u bi rħis.

* * *

«*That multitudes eat flesh-meat is no proof that Nature intended the carcases of animals for human sustenance, rather, it is one of the most artificial and pernicious of many degenerative habits acquired by about one-fifth of the human race*» Williams-Regenerative Food and Cookery.

Minn dana narau li tmienin f'il mija ta'n-nies ta'd-dinja jghixu bla ma jieclu laħam u ghalhecc ma hux ħaġa li b'il forz trid tiecolha ghax inchella ma tghixx.

* * *

—«*Abstinence will not injure you; on the contrary an occasional fast will much benefit you*» Williams.

—Il melħ ta'l ccina aħjar ma tużaūhx ma'l ichel ghaliex ħsara jaghmel u m'hux ġid f'is-saħħa. L-eūūel nett dana ma jżid l-ebda sustanza f'il ġisem anzi jnakkax billi jġieghel il clieūi jbatu ħafna biex ijcheċċuh il barra ħalli ma jaghmelx ħsara f'id.demm; il ghajnejn l-istess u ghalhecc id-dmugh hu mielaħ; u hemm xi ghorrief li jridu jghidu li ħafna mard ta'l ghajnejn u il biċċa il cbira ta'n-nefħa taghhom huma ġejjin m'il ħafna melħ li nieclu. Cullħadd jaf li l-imluħa taghmel ħsara cbira f'il ghajnejn. L-annimali ma jiecluh katt u ghad li il ġisem ghandu bżonnu dac li jidħol ma'l ħaxix u il frott hu b'iż-żejjed u ma jaghmel l-ebda ħsara ghaliex *organicu*. M'hux in-nies ta'd-dinja collha jieclu il melħ.

## DIFFIDA.

Billi sirt naf illi persuna ftit onesta fil uakt li kieghda tabbusa mil fiducia illi bid-dritt collu kieghda tgaŭdi id-ditta tieghi, kieghda tghid illi dar ohra hija li stess dar tieghi, ghandi ghalhecc niddichiara illi jiena m'hiniex responsabbli tal consenja regolari tat-titoli, tal pagamenti tal premji bollettini u ta cull contestazioni illi tista tinkala hlief ghal contratti u ricevuti illi igibu il firma tieghi C. BORNACCINI.

Navza barra minn dan illi il prezzijiet ghat-titoli b'pagamenti ta hames xelini huma:—

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| HUNGARIAN FONCIER | £ 8 | 10 | 0 | cull titolu |
| PANAMA | 8 | 0 | 0 | ,, |
| CONGO | 6 | 0 | 0 | ,, |

Ghalhecc daŭc il clienti illi jixtieku jacqŭistaŭ xi titolu tad-ditta tieghi huma mitlubin li jirrifiŭtaŭ cull cuntratt o hŭejjeġ ohra illi ma jġibux il firma tieghi.

Kabel tiffirmaŭ kiesu li tcunu tafu tajjeb ma min tcunu sejjrin tittrattaŭ, chif ucoll informaŭ ruhcom fuk dac li ghandcom thallsu, biex imbaghad ma tiġu fl-ebda imbarazz. Cull informazioni o hŭejjeġ ohra ma ghandcomx tohdduhom hlief minn ghand

C. BORNACCINI, 87, Strada Forni, Valletta.


## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Rahal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il ahjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**


Min ijrid jicri forn il Belt, f'it-Tombata ta'l Mandraġġ, Nri. 142 u 143, ijmur ghand Censu Muscat b'il hanut f'id-numri 144 u 145 fejn hemm l'imfietah u iehed jista jitliehem ucoll fuk il chera.


*Sejjer johroġ' ma jdumx!*

AGOSTINO LEVANZIN

# IL CURA TA'S-SAUM

Ctieb interessanti tasseu li minnu titghallmu chif taghmlu dina il cura, chif ticsruha, chif tfejjku biha hafna mardijiet u liema g'id tista taghmel u liema huma il pericoli ghal min ma jaghmilhiex seuua; x'hassejna ahna g'urnata b'g'urnata u hafna huejjeg' ohra li meta uiehed jakrahom jistghu jisueulu uisk ghal g'id ta' sahhtu. Il ctieb ijcun stampat fuk carta m'il ahjar u ijcun fih bosta stampi fosthom dauc ta's-Sur Levanzin chif chien sar fl-40 jum ta's-sauma tieghu. **Ijkum tmien soldi biss.** Ghall bejgh **xelin.** Tistghu tissiehbu b'ittra.

# TÈ TA CEYLON 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

## C. CAMILLERI & SONS

## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgħa, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba. Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

BRITANNIA

---

Biex tinzammu b'saħħitcom

# IPPURIFICAU

# BIDDLU

# u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV

# RICHELET

Daŭc collha li jridu jiccuraŭ rŭieħhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeŭ TLIETA fis-sena minn din ij medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haŭn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.

---



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu colox Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li serrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Ħdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Santà, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

---

# L-Ispizzjar A. CUMBO,

BILLI IL CLIENTELA TIEGHU KIEGHDA TIGBER CULL MA TMUR GHALIEX M'HUX BISS IJBIEGH MEDICINI U ĦŬEJJEĠ OĦRA M'IL AĦJAR U B'REKKA CBIRA IŻDA UCOLL BI PREZZIJIET IRĦAS TASSEŬ, CABBAR L-ISPIŻŻERIJA TIEGHU U ĦADHA **F'IL HANUT TA' HDEJH SEUUA** LI HU ŬISK ACBAR U ISBAĦ U B'HECC IJCUN JISTA JAKDI AĦJAR U B'ACTAR ĦEFFA LIL BOSTA NIES LI DEJJEM IJCOLLU FL-ISPIŻŻERIJA TIEGHU. META TGHADDU MINN HEMM MORRU ATU DAKKA TA' GHAJN, **Strada Rjali, il Belt, kuddiem il Club seuua.**

---

# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsns b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużaħ.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**¡IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX !**

---

In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.